MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Numru 747/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Joseph-Mary Mizzi
Josette Mizzi**

**Kumpilazzjoni Nru: 747/2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Joseph Mary Mizzi**, ta' 45 sena, bin Joseph u Maria Dolores nee' Bonnici, imwieled Zejtun, fis-6 ta' Novembru, 1962 u residenti fil-fond numru 170, "C'est la Vie", Swieqi

Road, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 671262(M); u

**Josette Mizzi**, ta' 47 sena, mart Joseph, bint Saviour Farrugia u Maria Carla nee' Bonello, imwielda Santa Venera, fit-12 ta' Gunju, 1961 u residenti nee' Bonnici, imwieled Zejtun, fis-6 ta' Novembru, 1962 u residenti fil-fond numru 170, "C'est la Vie", Swieqi Road, Swieqi u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 537661(M).

Akkuzati talli
1. f'Awissu, 2007 u fi zminijiet ta' wara, f'dawn il-Gzejjer ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, f'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew infurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;
4. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti, giet mitlbua sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkundsidrat

Illi l-fatti relevanti ghal dan il-kaz huma relattivament semplici u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputati konjugi Mizzi kienu dahlu fi ftehiem ma' terzi persuni biex jakkwistaw dghajsa jisimha Diamond Head; din kienet propjeta ta' kumpanija GA Properties Limited. Minkejja skrittura privata iffirmata ma' certu Alexander Gauci finalment gie miftiehem li l-konjugi Mizzi jakkwistaw l-ishma f'din is-socjeta (bil-propjeta kollha taghha[1]). It-trasferiemnt ta' din is-socjeta ma kellux isir immedjatament imma hekk kif il-konjugi Mizzi jhallsu l-prezz miftiehem. Is-socjeta GA Properties Limited kienet amministrata minn certu Roberto Stivala li kien ukoll direttur taghha.

Illi hekk kif bdew isiru l-pagamenti da parti ta' Mizzi, gie iftiehem li l-imputata Josette Mizzi tigi appuntata direttur minflok Stivala u fil-fatt hekk sar; il-formola relattiva giet prezentata l-MFSA fit-12 ta' April 2007 pero il-hatra ta' Josette Mizzi bhala direttur, u r-rizenja ta' Robberti Stivala, kienet effettiva mis-27 ta' Marzu 2007.

Illi gara li f'l-1 ta' Awissu 2007 Josette Mizzi, fil-kwalita taghha ta' direttur ta' GA Properties Limited, iffirmat bill of sale permezz ta' liema d-daghjsa Diamond Head giet trasferieta minghand is-socjeta GA Properties Limited lis-socjeta J.J. Limited, kumpanija tal-konjugi Mizzi; dak in-nhar stess Josette Mizzi, dejjem fil-kwalita taghha ta' direttur ta' GA Properties Limited, kitbet lill-berthing master tal-Malta Maritime Authority biex tinfurmah li d-daghjsa Diamond Head giet hekk trasferieta u li l-berthing

[1] Jirrizulta li s-socjeta GA Properties Limited ma kellhiex assi ohra hlif id-daghjsa Diamond Head.

fees kellhom issa jigu ndirizzati lil J.J. Limited --- l-original ta' din l-ittra hija esebita bhala Dok CS1 a fol 81 tal-process.

Illi da parti tieghu Roberto Stivala, minhabba dak li hu dehrlu li kien disgwid mal-konjugi Mizzi, prezenta dokument l-MFSA permezz ta' liema dokument huwa allega li Josette Mizzi kienet irrizenjat mill-kariga ta' direttur tas-socjeta GA Properties Limited u li hu kien gie nominat minflokha. Stivala jirrikonoxxi li Josette Mizzi ma kenitx irrizenjat mill-kariga ta' direttur u li ghalhekk dik il-formola ma kenitx veritjiera.

Illi meta il-konjugi Mizzi saru jafu b'dan id-dokument huma interpellaw lil Stivala biex jirtira dan id-dokument; hu m'ghamilx hekk ghalhekk huma (il-konjugi Mizzi) ghamlu rapport lill-pulizija. Fil-kors ta' l-investigazzjoni tal-pulizija Roberto Stivala allega li permezz ta'l-ittra ta'l-1 ta' Awissu 2007 li Josette Mizzi baghtet lill-berthing master hija kienet iffalsifikat il-letterhead tieghu. Il-pulizija hadu passi kontra Roberto Stivala in konnessjoni mal-formola li baghat lill-MFSA dwar ir-rizenja ta' Josette Mizzi u hadu passi kontra l-konjugi Mizzi, permezz tal-proceduri odjerni, dwar l-ittra ta'l-1 ta' Awissu 2007.

Illi ghandu jinghad li dak li ilmenta dwaru Roberto Stivala mal-pulizija meta huwa kien qed jigi investigat kien il-fatt li f'dik l-ittra ta'l-1 ta' Awissu 2007 giet uzata l-letterhead tieghu meta huwa qatt ma kien awtorizza lill-konjugi Mizzi juzawha. In oltre il-pulizija qed jibbazaw l-imputazzjonijiet odjerna fuq dan il-fatt u cioe li f'dik l-ittra ta'l-1 ta' Awissu 2007 giet falsifikata l-letter head ta' Roberto Stivala.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn ta'l-allegazzjoni tieghu Roberto Stivala, li huwa accountant, prezenta diversi letterheads li juza hu, kif ukoll dik li hu qal li hija l-letterhead tas-socjeta GA Properties Limited (dik esebita a fol 74 tal-process).

Illi da parti tieghu l-imputat Jospeh Mary Mizzi jghid li s-socjeta GA properties Limited qatt ma kellha letterhead;

imma kienet tigi kreata wahda kull darba li tigi ittajpjata ittra. Ghalhekk, skond hu, dik esebita minn Roberto Stivala a fol 74 ma tistax titqies bhala letterhead ta' GA Poperties Limited. Dwar l-ittra datata l-1 ta' Awissu 2007 jghid li din ma tirriproduciex l-letterhead ta' Roberto Stivala; skond l-imputat din hija ittra ta' GA Properties Limited, iffirmata minn direttur taghha  (Josette Mizzi) u bhala letterhead gew ittajpjati isem il-kumpanija u l-indirizz taghha.

Illi l-imputata Josette Mizzi ukoll tghati l-istess spjegazzjoni; hi ticcara li r-registered address ta' GA Properties Limited kien propju l-ufficcju ta' Roberto Stivala minn fejn kien jopera taht l-isem Stivala and Stivala. Kien ghalhekk li f'l-ittra taghha hija kitbet isem is-socjeta GA Properties Limited b'l-indirizz "Stivala and Stivala 36 Ghar id-Dud Street Sliema" taht l-isem.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati huma dak ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti falsifikati u kif diga ntqal dawn l-imputazzjonijiet huma kollha bazati fuq il-fatt li f'l-ittra fuq imsemmija ta'l-1 ta' Awissu 2007 fil-parti ta' fuq taghha f'dik li tista' tissejjah il-letter head hemm il-kliem Stivala and Stivala.
Illi pero fil-fehma tal-Qorti l-element materjali rikjest  biex jissussistu r-reati addebietati lill-imputati ma jistax jinghad li gie pruvat; dak li hemm indikat fil-parti ta' fuq ta'l-ittra datata l-1 ta' Awissu 2007 huwa sempliciment isem u l-indirizz tas-socjeta GA Properties Limited. Huwa incidentali li r-registered office ta' din is-socjeta huwa l-ufficcju minn fejn Roberto Stivala jopera b'l-isem "Stivala and Stivala".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lil-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhomu tilliberahom minn dawn l-imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------